31979R2173

L 251/12 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 5.10.1979

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2173/216

ta' l4 ta' Ottubru 1979

dwar regoli dettaljati ta' l-applikazzjoni sabiex isir disponiment mill-laħam taċ-ċanga mixtri mill-aġenziji ta' l-intervent u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 216/69

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam taċ-ċanga u l-laħam tal-vitella [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 425/77 [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 7(3) u 25 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 878/77 tas-26 ta' April 1977 dwar ir-rati tal-kambju li għandhom ikunu applikati fil-biedja [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2139/79 [4],

Billi l-prodotti mixtrija mill-aġenziji ta' l-intervent skond l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (KEE) Nru 805/68 iridu jiġu disposti minnhom hekk illi jevitaw id-disturbanza fis-suq u biex jiżguraw l-aċċess egwali għall-prodotti u trattament egwali għax-xerrejja;

Billi l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 98/69 [5], jipprovdi illi l-prezzijiet tal-bejgħ jistgħu jiġu ffissati bil-quddiem jew stabbiliti permess ta' sejħa għall-offerti;

Billi l-aċċess egwali għall-prodotti u t-trattament egwali tax-xerrejja jistgħu jiġu żgurati jekk, meta l-prezz tal-bejgħ ikun iffissat bil-quddiem, l-aġenziji ta' l-intervent jaċċettaw l-applikazzjonijiet fl-ordni li jaslu, l-applikazzjonijiet kollha rċevuti f'kull jum wieħed jiġu ttrattati bħal li jkunu ġew irċevuti fl-istess ħin, sakemm jinħlew il-provvisti;

Billi, meta l-prezz tal-bejgħ jiġi stabbilit permezz ta' sejħa għall-offerti, dawn il-prinċipji jistgħu jiġu rispettati billi s-sejħa tiġi ppubblikata fi żmien biżżejjed fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, flimkien mal-wirja possibbli fl-uffiċċji ta' l-aġenzija ta' intervent interessata u ma' kull pubblicità nazzjonali oħra;

Billi, ġaladarba l-oġġett tal-proċedura tat-tfigħ ta' l-offerti huwa li jinkiseb l-aħjar prezz, l-għotja trid tmur għall-offerta l-iżjed għolja; billi għandu wkoll ikun hemm disposizzjoni għall-każ meta tintefa' iktar minn offerta waħda bl-istess prezz għal istess kwantità; billi, madankollu, l-ogħla prezz jista' jkun aċċettat biss jekk jikkorrispondi mas-sitwazzjoni attwali tas-suq; billi l-prezzijiet minimi tal-bejgħ għandhom għalhekk ikunu stabbiliti skond proċedura Komunitarja, bil-kunsiderazzjoni dovuta għall-offerti rċevuti;

Billi, biex tkun żgurata l-effiċjenza tad-disponiment mill-prodotti maħżuna, għandhom jiġu stabbiliti l-kwantitajiet minimi tal-bejgħ, li jvarjaw skond il-kondizzjonijiet partikolari tal-*marketing* li japplikaw għal kull prodott;

Billi s-sejħiet għall-offerti u l-applikazzjonijiet iridu jinkludu tagħrif biżżejjed għalbiex jippermettu l-identifikazzjoni xierqa tal-prodotti, interessati;

Billi s-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni jew ta' offerta tiġi ffaċilitata jekk ix-xerrejja prospettivi jitħallew jispezzjonaw il-prodotti; billi bħala konsegwenza għandu jkun ipprovdut illi l-partijiet interessati jirrinunzjaw bil-quddiem għad-dritt tagħhom li jagħmlu kull ilment dwar il-kwalità u l-karatteristiċi tal-prodott li jistgħu jiġu assenjati lilhom;

Billi t-twettiq ta' l-obbligi kuntrattwali jrid jiġi ggarantit permezz tad-depożitu ta' garanzija li tista' tiġi ssekwestrata fl-intier tagħha jew f'parti minnha skond kemm ikunu gravi l-kontravvenzjonijiet involuti; billi l-ispiża addizzjonali involuta meta kuntratt ikun ġie mwettaq parzjalment biss tiġġustifika s-sekwestru kollu meta jittieħed kontroll ta' inqas minn 60 % tal-kwantità kkuntrattata fil-bidu;

Billi l-Istati Membri għandhom jitħallew jadottaw l-pożizzjonijiet tagħhom stess dwar kemm ikun gravi l-ksur ta' ċerti obbligi sussidjarji inklużi fil-kuntratti tal-bejgħ, billi jqisu d-diversità kbira tagħhom;

Billi, għalbiex dawn il-ħidmiet ikunu jistgħu jitwettqu bil-ħeffa, għandu jiġi stabbilit illi d-drittijiet u l-obbligi involuti f'kuntratt tal-bejgħ jew f'offerta jridu jiġu eserċitati jew imwettqa f'ċerti limiti taż- żmien;

Billi l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni f'intervalli regolari taż-żmien bil-kwantitajiet mibjugħa sabiex il-Kummissjoni tkun tista' teżamina l-progress dwar id-disponiment minnhom;

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24.
[2] ĠU L 61, tal-5.3.1977, p. 1.
[3] ĠU L 106, tad-29.4.1977, p. 27.
[4] ĠU L 246, tad-29.9.1979, p. 76.
[5] ĠU L 14, tal-21.1.1969, p. 2.

Billi, sabiex jiġu ffaċilitati l-proċeduri tal-bejgħ imsemmija hawn fuq, iridu jiġu ffissati d-dati għalbiex tiġi stabbilita r-rata tal-kambju użata għalbiex taqleb il-prezzijiet iffissati bil-quddiem fil-munita lokali u biex jiġi stabbilit il-prezz minimu tal-bejgħ u jinqaleb fil-munita lokali;

Billi fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1134/68 [1] is-somom definiti fih jitħallsu fuq bażi tar-rata tal-kambju li tkun teżisti fil-waqt li fih jitwettqu l-ħidma jew parti minnha; billi l-Artikolu 6 tar-Regolament imsemmi hawn fuq jiddefinixxi l-waqt meta titwettaq il-ħidma bħala d-data meta ssir din il-ħaġa definiti mir-regoli Komunitarji, jew, fl-assenza ta' jew l-adozzjoni pendenti ta' dawn ir-regoli, mir-regoli ta' l-Istat Membru interessat, bir-riżultat li bih l-ammont involut fl-operazzjoni jsir dovut u pagabbli; billi, iżda, skond it-termini ta' l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KEE) Nru 878/77 jistgħu jingħataw eċċezzjonijiet lid-disposizzjonijiet imsemmija hawn fuq;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Laħam taċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-aġenziji ta' l-intervent maħtura mill-Istati Membru għandhom joħorġu għall-bejgħ il-prodotti mixtrija skond l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (KEE) Nru 805/68 skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament, tar-Regolament (KEE) Nru 98/69 u ta' dan ir-Regolament.

TITOLU I

Il-Bejgħ bi prezzijiet iffissati bil-quddiem

Artikolu 2

1. L-applikazzjoni għax-xiri għandha tiġi sottomessa lill-aġenziji ta' l-intervent bil-miktub. Għandha titqies valida għall-konsiderazzjoni fil-jum li fih tiġi rċevuta l-garanzija speċifikata fil-paragrafa 2.

2. Sabiex titqies valida għall-konsiderazzjoni, l-applikazzjoni trid:

(a) tispeċifika l-isem u l-indirizz tax-xerrej;

(b) tagħti deskrizzjoni eżatta tal-prodott;

(ċ) tispeċifika l-kwantità li japplikaw għalija u l-prezz stabbilit;

(d) tinkludi dikjarazzjoni fejn l-applikant jirrinunzja għal kull jedd dwar il-kwalità u l-karatteristiċi tal-prodott li jista' jiġi assenjat lilu.

L-applikazzjoni tista' wkoll issemmi, fl-ordni tal-preferenza, il-maħżen jew l-imħażen tal-kesħa fejn il-prodotti li japplikaw għalihom ikunu maħżuna. L-applikazzjoni tista' tkun appoġġ-jata minn garanzija favur l-aġenzija ta' l-intervent.

3. L-applikazzjoni għax-xiri ma tiġix aċċettata jekk il-garanzija ma tkunx iddepożitata ma' l-aġenzija ta' l-intervent, jew ma tiġix ipprovduta għas-sodisfazzjon ta' l-aġenzija ta' l-intervent fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara li tiġi ssottomessa skond il-paragrafu 1.

Artikolu 3

1. L-aġenzija ta' l-intervent għandha tqis validi għall-konsiderazzjoni kull wieħed mill-jiem ta' l-applikazzjonijiet kollha kkompletati ppreżentati skond l-Artikolu 4. L-applikazz-jonijiet meqjusa validi għall-konsiderazzjoni f'kull jum partiko-lari għandhom jiġu kkunsidrati li jkunu ġew sottomessi f'daqqa.

2. Għajr f'ċirkostanzi eċċezzjonali l-applikazzjonijiet għandhom jiġu aċċettati fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara li jkunu ġew sottomessi sakemm jispiċċaw il-ħażniet. Meta, meħuda flimkien, l-applikazzjonijiet irċevuti fl-istess ħin jaqbżu l-kwantità disponibbli, l-aġenzija ta' l-intervent tista' tqassam il-kwantità disponibbli, meta approprjat, bi ftehim max-xerrejja interessati, jew itellagħhom bil-polza.

3. L-aġenzija ta' l-intervent, fil-limitu taż-żmien ipprovdut fil-paragrafu 2, għandha tinnotifika lil kull applikant bid-deċiżjoni meħuda dwar l-applikazzjoni tiegħu.

Artikolu 4

1. Id-data tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni kkompletata għandha tkun il-jum meta tirċiviha l-aġenzija ta' l-intervent, sakemm dan ma jiġrix iktar tard mis-2p.m. ħin lokali.

2. L-applikazzjonijiet ikkompletati li jaslu għand l-aġenzija ta' l-intervent interessata f'jum li mhux jum tax-xogħol għal din l-aġenzija, jew f'jum tax-xogħol għal din l-aġenzija iżda aktar tard mis-siegħa riferita fil-paragrafu 1, għandhom jitqiesu li jkunu ġew sottomessi fl-ewwel jum tax-xogħol ta' wara l-jum meta jkunu waslu.

Artikolu 5

Ir-rata tal-kambju applikata għall-prezzijiet tal-bejgħ iffissati bil-quddiem f'ECU għandha tkun ir-rata rappreżentattiva fis-seħħ fil-jum li fih l-applikazzjoni titqies valida għall-konsiderazzjoni skond l-Artikolu 3(1).

[1] ĠU L 188, ta' l-1.8.1968, p. 1.

TITOLU II

Il-Bejgħ bil-prezz stabbilit b'sejħa għall-offerti

Artikolu 6

1. Kull sejħa għall-offerti għandha jkollha x'taqsam ma' kwantitajiet speċifiċi.

2. Is-sejħiet għall-offerti għandhom jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

B'żieda ma' dan, l-aġenziji ta' l-intervent jistgħu jwaħħlu avviż ta' dawn is-sejħiet fl-uffiċċju ewlieni tagħhom jew iħabbruhom b'mezzi oħra.

3. Is-sejħiet għall-offerti għandhom jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* mill-anqas 14-il jum qabel itemm il-perjodu taż-żmien tas-sottomissjoni ta' l-offerti.

Artikolu 7

Kull sejħa għall-offerti għandha tinkludi t-tagħrif li ġej:

(a) deskrizzjoni tal-prodotti u d-data ta' qabel ma nxtraw għall-ħażna;

(b) l-isem u l-indirizz tal-maħżen jew ta' l-imħażen tal-kesħa fejn il-prodotti jinżammu;

(ċ) għal kull maħżen tal-kesħa, il-kwantitajiet ta' kull prodott offrut bl-offerta;

(d) id-data ta' l-għeluq u l-indirizz fejn jiġu sottomessi l-offerti;

(e) meta approprjat, dikjarazzjoni illi l-offerti jistgħu jiġu sottomessi bit-*telex*.

Artikolu 8

1. L-offerti jistgħu jiġu sottomessi bil-miktub lill-aġenzija ta' l-intervent fuq irċevuta jew b'ittra indirizzata lill-aġenzija ta' l-intervent. L-aġenzija ta' l-intervent tista' tippermetti li l-offerti jiġu sottomessi bit-*telex*.

2. Sabiex titqies valida għall-konsiderazzjoni, l-offerta trid tispeċifika:

(a) l-isem u l-indirizz ta' min jitfa' l-offerta;

(b) deskrizzjoni tal-prodotti u l-kwantità li għaliha ssir l-offerta, fejn tindika f'liema maħżen jew imħażen tal-kesħa jinżammu;

(ċ) il-prezz offrut għal kull tunnellata metrika, espress fil-munita ta' l-Istat Membru li l-aġenzija ta' l-intervent tiegħu tkun ħarġet is-sejħa għall-offerti;

(d) dikjarazzjoni mingħand min jitfa' l-offerta li jirrinunzja għall-jeddijiet kollha dwar il-kwalità u l-karatteristiċi tal-prodott mogħti lilu;

(e) kull tagħrif addizzjonali meħtieġ mis-sejħa għall-offerti.

L-offerta trid tkun akkumpanjata minn garanzija ddepożitata ma' l-aġenzija ta' l-intervent, jew ipprovduta għas-sodisfazzjon ta' l-aġenzija ta' l-intervent.

Artikolu 9

Fid-dawl ta' l-offerti rċevuti, għandhom jiġu stabbiliti l-prezzijiet minimi tal-bejgħ għall-prodotti fil-kwistjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27 tar-Regolament (KEE) Nru 805/68.

Artikolu 10

1. L-offerti bi prezzijiet iktar baxxi mill-prezz minimu tal-bejgħ għandhom jiġu rrifjutati.

2. Bla ħsara dwar kif ipprovdut fil-paragrafu 1, il-kuntratti għandhom jingħataw lil min jagħmel l-ogħla offerta. Meta tiġi rċevuta aktar minn offerta waħda bl-istess prezz għall-istess kwantità u meta l-kwantitajiet applikati għalihom jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli, l-aġenzija ta' l-intervent tista' tqassam il-kwantità disponibbli, meta approprjat, bi ftehim ma' dawk li jkunu tefgħu l-offerti, jew itellagħhom bil-polza.

Artikolu 11

Kull min jitfa' l-offerti għandu jiġi nnotifikat mill-aġenzija ta' l-intervent interessata bir-riżultat tal-parteċipazzjoni tiegħu fis-sejħa għall-offerti.

Dan it-tagħrif għandu jintbagħat fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mill-komunikazzjoni bit-*telex* lill-Istati Membri dwar id-deċiżjoni li tiffissa l-prezzijiet minimi.

Artikolu 12

Ir-rata tal-kambju użata biex taqleb

— l-offerti fl-ECU, u

— il-prezzijiet minimi tal-bejgħ fil-munita lokali,

għandha tkun ir-rata rappreżentattiva fis-seħħ fil-jum ta' l-għeluq tas-sottomissjoni ta' l-offerti.

TITOLU III

Disposizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 13

L-aġenziji ta' l-intervent għandhom jagħmlu l-arranġamenti kollha meħtieġa sabiex jippermettu lil dawk li jkun beħsiebhom jitfgħu l-offerti li jispezzjonaw il-prodotti għall-bejgħ qabel jagħmlu l-applikazzjonijiet tagħhom jew jissottomettu l-offerti tagħhom.

Artikolu 14

L-applikazzjoni jew l-offerta għandhom ikunu f'waħda mill-ilsna uffiċjali tal-Komunità.

Madankollu, l-aġenziji ta' l-intervent jistgħu jeħtieġu illi l-applikazzjonijiet jew l-offerti sottomessi f'ilsien li mhux l-ilsien ta' l-Istat Membru interessat ikunu akkumpanjati minn traduzzjoni.

Meta aġenzija ta' l-intervent tagħmel użu minn din l-għażla, għandha tgħarraf lill-Kummissjoni u lill-aġenziji l-oħra ta' l-intervent mill-anqas għaxart ijiem qabel. Il-kondizzjonijiet speċjali ta' din il-ħtieġa għandhom ikunu kkomunikati lill-kummerċjanti permezz tal-mezzi normali.

Artikolu 15

1. Il-garanzija riferita fl-Artikolu 2(2) u 8 (2) għandha tkun ta' 50 ECU għal kull tunnellata metrika.

Il-garanzija għandha tiġi ddepożitata, fuq l-għażla ta' l-applikant jew ta' min jitfa' l-offerta, fi flus kontanti jew fl-għamla ta' garanzija pprovduta minn stabbiliment li jissodisfa l-kriterji ffissati mill-Istat Membru li fih tkun lokata l-aġenzija ta' l-intervent interessata. L-aġenzija ta' l-intervent tista' taċċetta ċekk tal-bank bħala garanzija.

2. Il-garanzija għandha tiġi rrilaxxata minnufih:

(a) fil-każ tal-bejgħ bi prezz iffissat bil-quddiem:
   — jekk l-applikazzjoni ma tkunx aċċettata,
   — meta x-xerrej ikun wettaq l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt tal-bejgħ;

(b) fil-każ tal-bejgħ bl-offerti:
   — jekk l-offerta ma tkunx aċċettata,
   — meta min jirbaħ l-offerta jkun wettaq l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt tal-bejgħ.

3. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 16, il-garanzija għandha tiġi rrilaxxata meta l-kwantità meħuda tammonta għal aktar minn 95 % tal-kwantità koperta bil-kuntratt tal-bejgħ.

Artikolu 16

1. Jekk ix-xerrej ma jħallasx għall-prodott fil-limitu taż-żmien speċifikat fl-Artikolu 18(1), il-kuntratt għandu, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3, jiġi kkanċellat mill-aġenzija ta' l-intervent rigward il-kwantitajiet mhux imħallsa.

2. Għajr f'każijiet ta' forza maġġuri, il-garanzija tintilef bi dritt:

(a) fil-proporzjon tal-kwantità mhux imħallsa fil-limitu taż-żmien speċifikat, jekk il-kwantità mħallsa tkun mhux anqas minn 60 % u mhux aktar minn 95 % tal-kwantità koperta bil-kuntratt;

(b) fit-total tagħha, jekk il-kwantità mħallsa tkun anqas minn 60 % tal-kwantità koperta bil-kuntratt.

3. Fil-każijiet ta' nuqqas li jitħarsu l-obbligi l-oħra stabbiliti fil-kuntratt, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru interessat tista' tiddikjara l-garanzija mitlufa bi dritt fl-intier tagħha jew f'parti minnha, skond kemm tkun serja l-kontravvenzjoni interessata.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-każijiet meta jiġi applikat is-subparagrafu preċedenti, u jispeċifikaw iċ-ċirkostanzi involuti u l-azzjoni meħuda.

Artikolu 17

1. Il-prezz tal-bejgħ għandu japplika għall-piż gross fil-każ tal-laħam bl-għadam u għall-piż nett fil-każ tal-laħam bla għadam u ppriservat, eskluż mit-taxxa domestika, ħieles fil-post tat-tagħbija fil-maħżen tal-kesħa fejn il-prodotti jkunu maħżuna. Għal-laħam mingħajr għadam, il-piż nett jitqies bħala d-differenza bejn il-piż gross aċċertat fil-post tat-tagħbija fil-maħżen tal-kesħa u l-piż medju tal-pakkeġġ stabbilit qabel l-użu tiegħu.

2. Fil-każ tal-bejgħ li ma jipprovdix destinazzjoni jew użu speċjali, il-kwantità minima tal-prodott għal kull applikazzjoni jew offerta għandha tkun ta':

— ħames tunnellati metriċi, fil-każ tal-laħam bl-għadam,

— żewġ tunnellati metriċi, fil-każ tal-laħam mingħajr għadam jew ippriservat.

Jekk il-kwantità disponibbli fil-post tal-kunsinna jew fil-maħżen tal-kesħa tkun inqas minn ħames tunnellati metriċi jew żewġ tunnellati metriċi rispettivament, il-kwantità disponibbli għandha tikkostitwixxi l-kwantità minima.

Artikolu 18

1. Ix-xerrej għandu jieħu l-kunsinna tal-prodotti fi żmien xahar mid-data ta' l-aċċettazzjoni riferita fl-Artikolu 3(2) jew fin-notifika riferita fl-Artikolu 11. L-ispejjeż u r-riskji rigward il-ħażna addizzjonali tal-kwantitajiet kollha mhux meħuda għall-ħażna matul dan il-perjodu taż-żmien għandhom jingarru mix-xerrej.

2. Il-kunsinna għandha tittieħed rigward l-oġġetti skond ir-regoli ta' l-aġenzija ta' l-intervent għar-rilaxx mill-ħażna u ma għandha tiġi permessa l-ebda pretensjoni dwar lottijiet partikolari. Fil-każ ta' sejħa għall-offerti jew meta l-applikazzjoni għax-xiri riferita fl-Artikolu 2(2) jissemmew imħażen tal-kesħa ppreferiti, l-oġġetti għandhom ikunu disponibbli fil-limiti tal-kwantitajiet disponibbli.

Artikolu 19

Il-prezz għandu jitħallas, hekk kif u meta l-oġġetti jittieħdu għall-ħażna u fil-proporzjon tal-kwantitajiet li jridu jittieħdu, l-aktar tard fil-jum ta' qabel kull tneħħija. Kull aġġustament meħtieġ għandu jsir fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data ta' l-irċevuta tal-fattura finali.

Artikolu 20

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni fil-bidu ta' kull ħmistax-il jum bil-kwantitajiet mibjugħa matul il-ħmistax-il jum ta' qabel.

Artikolu 21

1. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 216/69 [1] huwa hawnhekk imħassar.

2. Kull referenza f'Att Komunitarju għar-Regolament imħassar bil-paragrafu 1 jew għal kull Artikolu ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament jew għall-Artikolu relevanti ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 22

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1979.

Madankollu, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 16(3) għandhom japplikaw ukoll dwar il-kuntratti li jkunu saru qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament meta tkun għadha ma tteħditx deċiżjoni finali dwar ir-rilaxx tal-garanzija.

Magħmul fi Brussel, fl-4 ta' Ottubru 1979.

Għall-Kummissjoni

Finn GUNDELACH

Viċi-President

[1] ĠU L 28, tal-5.2.1969, p. 10.